MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 297/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan nom rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Peter Paul sive Piere Borg abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Peter Paul sive Pierre Borg**

**vs**

**Jovin Genovese**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta'Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin lira Malta u hamsa u erbghin centezmu (Lm658.45) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Peter Paul sive Pierre Borg

assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm633.45), is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Peter Paul sive Pierre Borg in linea ta’ *ecess payment,* bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta’ Lulju 2003 ghall-habta tad-8.45 am gewwa Triq Amery, kantuniera ma Howard Street, Sliema bejn il-vettura propjeta ta’ l-attur Peter Paul Sive Pierre Borg , bin numru ta’ registraazjoni DAH-892 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni DAU-653, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-att lis-socjeta’ assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u tmienja u hamsin lira Malta u hamsa u erbghin centezmu (Lm658.45), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------